# PROPONIMENT: TIDNIBX IŻJED

## L-EWWEL QARI
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is 43, 16-21**

Dan jgħid il-Mulej,
li fetaħ triq fil-baħar,
mogħdija fl-ilmijiet qawwija;
dak li ħareġ karrijiet u żwiemel,
eżerċti u rġiel qalbiena;
xteħtu fl-art, biex ma qamux aktar;
intfew bħal ftila ta' musbieħ:
La tiftakrux iżjed fil-ġrajjiet l-imgħoddija;
la taħsbux fuq dak li ġara qabel.
Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida:
feġġet issa; għadkom ma ttendejtux?
Se niftaħ triq fix-xagħri,
xmajjar fid-deżert.
Ifaħħruni l-bhejjem selvaġġi,
ix-xakalli u wlied in-ngħam,
għax noħroġ l-ilma fix-xagħri,
xmajjar fid-deżert,
biex nisqi l-poplu tiegħi,
il-maħtur tiegħi,
il-poplu li sawwart għalija,
biex ixandar it-tifħir tiegħi.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

## SALM RESPONSORJALI
**Salm 125**
**Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ kbar**

Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassra ta' Sijon,
konna qisna mitlufa f'ħolma;
mbagħad bid-daħk imtela fommna,
u lsienna nħall b'agħjat ta' ferħ.

**R/. Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ kbar!**

Imbagħad bdew igħidu fost il-ġnus:
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom!''
Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
U aħna mtlejna bil-ferħ.

**R/. Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ**

Biddel, Mulej, xortina
bħall-widien tan-Negeb!
Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ
jahsdu fil-ferħ.

**R/ Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ kbar.**

Hu u sejjer, imur jibki,
iġorr iż-żerriegħa għaż-żrigħ.
Imma hu u gej lura, jiġi jgħajjat bil-ferħ
bil-qatet f'idejh.

**R/. Il-Mulej għamel magħna ħwejjeġ kbar**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**
**Fil 3, 8-14**

Ħuti: Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesu' Sidi, li minħabba fih ilqajt li nitlef kollox, u kollox ngħodd bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih, mhux għax għandi xi qdusija tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi; iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-qdusija li ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi, biex nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet.
Miniex ngħid li jien dan ga ksibtu, jew li jien ga perfett. Imma rross 'il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesu' ġa ħataf lili. Ħuti, jien ma jidhirlix li dan ga lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jien nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn il-għan, biex nikseb il-premju li għalih Alla qiegħed isejħilna hemm fuq, fi Kristu Ġesu'.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Fittxu l-ġid, u mhux id-deni, ħalli tgħixu;
u l-Mulej ikun magħkom.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann.**
**Ġw 8, 1-11**

F'dak iż-żmien: Ġesu' telaq lejn l-Għolja taż-Żebbuġ. Imma l-għada qabel is-sebħ reġa' mar fit-Tempju, u l-poplu kollu ġie ħdejh, u hu qagħad bilqiegħda jgħallimhom. Imbagħad il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet inqabdet tiżni, u qegħduha fin-nofs. "Mgħallem,'' qalulu, "din il-mara nqabdet tiżni fil-fatt. Issa fil-Liġi tagħna Mose' ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int, imma, xi tgħid?''
Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jakkuzawh.
Imma Ġesu' miel minn qaddu 'l isfel u beda jikteb b'sebgħu fit-trab. Billi dawk

baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: “Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.’’ U rega’ niżel jikteb fit-trab. Kif semgħuh igħid dan, wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, qabdu u telqu, u Ġesù baqa’ waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs. Qam dritt u qalilha: “Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?’’ “Ħadd, Sidi,’’ qaltlu. “Mela anqas jien ma nikkundannak,’’ qalilha Ġesu’. “Mur, u mil-lum ’il quddiem tidnibx iżjed.’’

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**